

Brussell, 6 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

8865/25

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0187 (CNS)

JAI 579
FRONT 111
VISA 69
FREMP 116

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Regolament tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu - Adozzjoni

1. Fl-24 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu. Il-bażi legali tal-proposta, l-Artikolu 77(3) TFUE, tirrikjedi li l-Kunsill jaġixxi b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.
2. Permezz ta' ittra tas-27 ta' Settembru 2024, il-Kunsill stieden lill-Parlament Ewropew jippreżenta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mis-sessjoni plenarja tat-13 u l-14 ta' Novembru 2024.
3. Fl-20 ta' Novembru 2024, fuq talba tal-President tal-Kumitat LIBE, is-Sur Javier Zarzalejos, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ddeċieda li jestendi l-limitu ta' żmien sal-15 ta' April 2025.

4. Saret analiżi dettaljata tal-proposta fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Fruntieri fit-12 ta' Settembru 2024 u t-testi ta' kompromess tal-Presidenza ġew diskussi fil-laqgħat tal-Kunsillieri ĠAI fl-14 ta' Ottubru, is-6 ta' Novembru u l-5 ta' Diċembru 2024. Fil-laqgħa tal-5 ta' Diċembru 2024, il-Kunsillieri ĠAI laħqu qbil dwar test.
5. Fil-11 ta' Diċembru 2024, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel fil-prinċipju dwar it-test ta' kompromess bil-ħsieb li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar dan it-test.
6. Fit-2 ta' April 2025, il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta.
7. Fit-30 ta' April 2025, test ta' kompromess tal-Presidenza, li fih xi wħud mill-emendi tal-Parlament Ewropew kienu ġew inkorporati fit-test maqbul preċedentement, ġie diskuss fl-laqgħa tal-Kunsillieri ĠAI. It-test kien appoġġat mid-delegazzjonijiet kollha ħlief tlieta, li kienu għadhom ma ffinalizzawx il-pożizzjonijiet tagħhom. Wara l-laqgħa, dawn id-delegazzjonijiet indikaw bil-miktub li setgħu jappoġġaw it-test.
8. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
9. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss:
 - jadotta bħala punt "A" ir-Regolament tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 8375/25 ifffinalizzat mill-ġuristi lingwisti, u
 - jiddeċiedi li t-test tar-Regolament tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali, serje "L", f'konformità mal-Artikolu 17(1)(a) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill